**Kunsill Lokali**
**ĦAL KIRKOP**

# Rapport Amministrattiv 2018

*imħejji minn Antonia Demicoli*, ***Segretarju Eżekuttiv***

# Introduzzjoni

Nagħtukom merħba għal din il-laqgħa tal-lokalità għas-sena 2018 li tinkludi rapport tal-ħidma tal-Kunsill għas-sena 2018 filwaqt li toffri informazzjoni dwar il-ħsibijiet tal-Kunsill ta' Ħal Kirkop għas-sena li ġejja.

Filwaqt li matul din is-sena wieħed ftit seta' jara proġetti kapitali jseħħu, dan ma jfissirx li l-Kunsill ma kienx attiv u ma kienx qiegħed jaħdem bi sħiħ u jħejji pjanijiet għall-futur. Nemmen illi bil-limitazzjonijiet li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop għandu, il-Kunsill qed jagħmel dak kollu possibbli biex jara li Ħal Kirkop jingħata l-ġieħ li jixraqlu u l-ambjent tiegħu jinżamm fl-aħjar stat ta' ndafa possibbli.

Matul din is-sena tkomplew diversi diskussjonijiet li l-frott tagħhom beda u ser ikompli jidher matul is-snin li ġejjin.  Bla dubju ta' xejn, l-akbar sfida li għandu l-Kunsill hija li jiżgura li jkompli joffri s-servizzi eżistenti filwaqt li jipprovdi servizzi oħra ġodda, bl-aħjar mod possibbli.

Dan ir-rapport amministrattiv ikopri l-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2018 u l-31 ta' Diċembru 2018 u għaldaqstant jagħti rendikont tal-ħidma tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop matul dawn it-tnax-il xahar.

Is-sena 2018, immarkat it-tkomplija tat-tielet sena tat-tmien leġislatura li l-bidu tagħha kien proprju fl-1 ta' Mejju, 2015.  It-tmien leġislatura rat bidla f'wieħed mill-Kunsilliera bir-riżenja tal-Kunsilliera Antoinette Cefai lura f'Jannar 2016 u l-mili ta' dan il-post vakanti mill-Kunsillier Leonard Grioli fi Frar 2016.  Għaldaqstant fis-sena 2018, il-Kunsill ta' Ħal Kirkop kien kompost kif jidher fit-tabella hawn taħt.

# It-Tmien Leġislatura
## Sena 2018

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | Terence Agius |
| **Viċi Sindku:** | Joseph Schembri |
| **Kunsilliera:** | Stephen Mizzi |
| | John Luke Cassar |
| | Leonard Grioli |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | Antonia Demicoli |

Matul is-sena 2018, il-Kunsill laqgħa lill-Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ, is-Sinjorina Francesca Tabone li bdiet isservi fil-kariga minn Novembru. Dan wara li din il-kariga damet battala għal 11-il xahar, wara r-riżenja tas-Sur Miguel Sacco li serva bħala Ambaxxatur Lokali minn Diċembru, 2015 sa Diċembru, 2017. Wieħed ikun jista' jokkupa din il-kariga sa l-eta' ta' tmintax-il sena.

Bejn Jannar u Diċembru 2018, il-Kunsill – It-Tmien Leġislatura, iltaqa' sbatax-il darba fejn l-attendenza tal-Kunsilliera kienet tajba u regolari. L-attendenza tal-Kunsilliera bejn Jannar u Diċembru 2018 tidher fit-tabella hawn taħt.

## Attendenza għal-Laqgħat tal-Kunsill
### Laqgħat tal-Kunsill tat-Tmien Leġislatura
### Jannar – Diċembru 2018

| Laqgħat Nru 45 - 61 | Terence Agius | Joseph Schembri | Stephen Mizzi | John Luke Cassar | Leonard Grioli |
|---|---|---|---|---|---|
| Attendenza | 14/17<br>3 skużat | 15/17<br>2 skużat | 15/17<br>2 skużat | 16/17<br>1 skużat | 16/17<br>1 skużat |

Tul is-sena 2018, il-Kunsill kellu tlett impjegati, li kienu s-Segretarju Eżekuttiv u żewġ skrivani. Il-Kunsill għad għandu wkoll l-għajnuna minn żewġ impjegati tal-IPSL li jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni madwar il-lokalità.

L-allokazzjoni mill-Gvern Ċentrali għas-sena 2018 kienet ta' €216,530. Sa l-aħħar ta' Settembru 2018 kien hemm ukoll dħul ieħor li jammonta għal €15,646. In-nefqa għas-sena 2018 sa l-aħħar ta' Settembru 2018 kienet tammonta għal €213,590. Dawn il-figuri qed jingħataw sa l-aħħar ta' Settembru 2018 skont ir-Rapport Finanzjarju tat-tielet kwart tas-sena. Dan għall-fatt li bħalissa l-Kunsill għaddej bil-ħidma biex jagħlaq il-kotba finanzjarji sa l-aħħar ta' Diċembru 2018, biex ikunu jistgħu jinħarġu l-Istqarrijiet Finanzjarji u jsir l-awditjar tal-kotba. Sal-aħħar ta' Settembru 2018 il-Kunsill kellu qagħda finanzjarja tajba, meta l-*Financial Situation Indicator* kien jilħaq id-99%. Biex wieħed ikollu stampa eżatta tad-dħul u l-ħruġ kollu tal-Kunsill wieħed ikun jista' jara l-*Audited Financial Statements* li jkunu *on-line* fuq is-sit www.localgovernment.gov.mt, wara li dawn ikunu ġew awditjati.

Għas-sena 2019 l-allokazzjoni finanzjarja mill-Gvern Ċentrali ser tkun ta' €228,396, jiġifieri żieda ta' 5.48% fuq is-sena 2018, żieda ta' €11,866.

## Rapport ta' xogħol li sar matul is-sena 2018

Tajjeb li wieħed ifakkar li matul l-2018 kompla jingħata s-servizz tas-Sigurta' Soċjali, fejn ir-residenti ta' Ħal Kirkop jistgħu jinqdew mill-Uffiċċju tal-Kunsill, kull nhar ta' Erbgħa. Ir-residenti ta' Ħal Kirkop jistgħu jinqdew biex japplikaw għal kwalunkwe benefiċċju tas-sigurta' soċjali fejn ma hemmx bżonn ta' dikjarazzjoni ġuramentata; jirraportaw kwalunkwe tibdil ta' ċirkostanzi; japplikaw għal jew iġeddu l-karta r-roża; jissottometu ċertifikati tal-mard; u jagħmlu kwalunkwe talba għall-informazzjoni dwar kwalunkwe ħaġa ta' sigurta' soċjali. Il-Kunsill iħeġġeġ lir-residenti biex jużaw dan is-servizz.

L-amministrazzjoni tal-Kunsill tieħu ħsieb l-ilmenti kollha li jidħlu fl-uffiċċju tal-Kunsill, liema lmenti jiġu rrapurtati lill-awtoritajiet u kuntratturi kkonċernati. Matul is-sena 2018 il-Kunsill irċieva 223 ilment li 198 ġew issettiljati u l-bqija għadhom pendenti minħabba raġunijiet diversi. Il-Kunsill jaħdem bi sħiħ biex l-ilmenti tar-residenti jiġu indirizzati u solvuti mill-aktar fis possibbli.



Ir-Reġjun Nofsinhar, li l-Kunsill ta' Ħal Kirkop jagħmel parti minnu, matul is-sena 2018 kompla jaħdem fuq id-diversi inizjattivi meħuda tul is-snin, biex jgħin lill-Kunsilli Lokali fi ħdanu.

Fil-5 ta' Mejju, 2018, ir-Reġjun Nofsinhar reġa' organizza Festa Nar li għaliha kienu mistiedna jipparteċipaw il-kmamar tan-nar tal-għaqdiet mużikali tal-irħula kollha li jagħmlu parti mir-Reġjun Nofsinhar. Din is-sena dan il-festival sar fl-Imqabba u fih ipparteċipaw 20 kamra tan-nar. Mil-lokalita' ta' Ħal Kirkop ħadu sehem il-kmamar tan-nar tal-Għaqda Mużikali San Leonardu u tas-Soċjeta' Mużikali San Ġużepp. Dan il-festival tan-nar reġa' kien suċċess kbir.

Ir-Reġjun Nofsinhar kompla jgħin ukoll lill-Kunsill billi ta fondi biex jintużaw fiż-żamma ta' tabelli u sinjali tat-traffiku. Il-Kunsill kontinwament jagħmel xogħol ta' manutenzjoni fuq sinjali u tabelli tat-traffiku.

Apparti l-manutenzjoni tas-sinjali u tabelli tat-traffiku, il-Kunsill jaħdem ħafna fuq *areas* li jkollhom bżonn jiġu rranġati biex isiru aktar sikuri, kemm għall-pedonali u kif ukoll għas-sewwieqa. Eżempju ta' dan huwa l-pjan li sar u tressaq għall-approvazzjoni ta' Transport Malta biex issir *mountable roundabout* u jiġi rranġat it-*traffic management* f'salib it-toroq fi Triq San Pietru k/m Triq Valletta. Il-Kunsill qiegħed ukoll f'diskussjonijiet bikrija biex isir *traffic management* li jinkorpora l-qalba tar-raħal kollu.

Il-Kunsill qed jagħmel ukoll pressjoni mal-awtoritajiet biex tiċċekken u tissebbaħ ir-*roundabout* ta' Triq l-Industrija k/m Triq San Pietru. Dan biex titnaqqas il-konġestjoni tat-traffiku u l-vista għas-sewwieqa tkun aktar miftuħa u ċara. Il-pjanti saru u l-Kunsill qed jistenna li dan ix-xogħol isir matul is-sena 2019.

Apparti hekk l-ELC bdiet xogħol ta' tisbieħ fir-*roundabout* ta' Triq Ħal Safi k/m Triq San Ġwann. Qed isir tisbieħ ukoll fis-*soft areas* tal-akwata tal-Kulleġġ San Benedittu, wara li l-Kunsill għamel pressjoni sħiħa biex dawn is-*soft areas* li kienu ilhom lesti u mitluqa għal xhur sħaħ jiġu msebbħa kif jixraq.

Il-Kunsill ħa ħsieb ukoll li ssir manutenzjoni fuq il-bankijiet madwar ir-raħal u l-*gazebos* u l-bankijiet li hemm fil-ġnien f'Misraħ iż-Żerniq u tħawwlu aktar fjuri fis-s*oft areas* tal-istess ġnien u oħrajn madwar ir-raħal. Bħalissa iż-żamma u manutenzjoni ta' ġonna u *soft areas* qegħda f'idejn l-ELC u l-Kunsill qiegħed f'diskussjonijiet magħhom biex jara jekk hux ser ikomplu b'dan is-servizz.

Ix-xogħol ta' manutenzjoni madwar il-lokalita' kollha jsir b'mod regolari mill-ħaddiema tal-RSSL assenjati mal-Kunsill. Dan ix-xogħol jinkludi traqqiegħ tat-toroq, irranġar ta' bankini u kurduni, bdil ta' kaptelli, manutenzjoni fuq *bollards* u *railings*, tikħil u żebgħa ta' diversi ċnut u *planters*, żebgħa u manutenzjoni fuq bankijiet u *bins*, tindif ta' *culverts* tal-ilma tax-xita u manutenzjoni ġenerali fuq il-binjiet tal-Kunsill.

Permezz tal-kuntrattur tad-dawl u f'każijiet minnhom permezz ta' l-Enemalta, matul is-sena jinbidlu u ssir il-manutenzjoni ta' ammont konsiderevoli ta' bozoz madwar il-lokalita' kollha. Twaħħlu wkoll bozoz ġodda fejn kienet tinħass il-ħtieġa, dejjem bil-ħsieb li Ħal Kirkop ikun aktar sikur għar-residenti tiegħu. F'Diċembru ġie rinovat id-dawl fi Ġnien Rousset minħabba li din l-*area* kienet mudlama u kien hemm lok ta' abbużi.

Matul is-sena 2018 il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop kompla għaddej bil-ġbir ta' skart organiku. Il-ġbir ta' skart organiku qed isir kull nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa u jidher li ħafna mir-residenti qed jagħżlu l-iskart organiku tajjeb ħafna. Il-boroż il-bojod għal ġbir ta' skart organiku, pprovduti mill-WasteServ, qed jitqassmu kull xahrejn mill-Kunsill Lokali. Jidher li l-maġġoranza tar-residenti qed jimxu tajjeb mal-iskeda ta' ġbir ta' skart.

Mill-31 ta' Ottubru, 2018, Malta kollha qegħda tissepara l-iskart organiku u peress li dan huwa proġett nazzjonali, ma' dan il-pjan inħass il-bżonn li l-borża s-sewda tinġabar ta' l-inqas tlett darbiet fil-ġimgħa. Għaldaqstant, għalkemm ir-residenti ta' Ħal Kirkop kienu draw is-sistema tajjeb u draw ukoll li l-borża s-sewda tinġabar darbtejn fil-ġimgħa, il-Kunsill intalab iżid ġabra oħra tal-borża sewda. Infatti l-ġbir tal-borża s-sewda qiegħed isir tlett darbiet fil-ġimgħa, nhar ta' Tnejn, il-Ħamis u s-Sibt.

Apparti l-iskart organiku u domestiku, darbtejn fil-ġimgħa, nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ġimgħa, jinġabar l-iskart riċikalt, jew kif inhu aktar magħruf 'tal-borża l-ħadra'. Il-boroż il-ħodor, pprovduti minn GreenPak qed jitqassmu darbtejn fis-sena, jiġifieri f'Jannar u f'Lulju. Din is-sena, l-Kunsill kiseb żewġ unuri fejn fl-*awards* li l-kumpanija GreenPak tagħti lill-Kunsilli li jirriċiklaw 'l aktar, il-Kunsill tagħna ġie fl-ewwel post u rebaħ il-*Most Proactive Council Award* u ġie wkoll fit-tieni post fil-kategorija *Best Overall Performance*.

Ma ninsewx ukoll li kull nhar ta' Ħamis, il-Kunsill joffri s-servizz ta' ġbir ta' skart goff u skart tal-ġnien, minn wara l-bieb. Kull min ikollu bżonn jagħmel użu minn dan is-servizz għandu jċempel fl-uffiċċju tal-Kunsill biex jingħata appuntament.

Il-Kunsill kien jiġbor ukoll ħwejjeġ użati u dawn kienu jmorru għar-riċiklaġġ. Matul is-sena 2018 tpoġġew żewġ *bins* apposta għall-ħwejjeġ, wieħed ħdejn il-*bring in sites* fi Triq il-Barrieri u ieħor fi Triq Taż-Żebbiegħ. Dan biex wieħed ikun jista' jinqeda 24 siegħa kuljum tul il-ġimgħa kollha. Minn Frar 2019 il-Kunsill ser ikun qed joffri servizz ta' ġbir ta' ħwejjeġ bieb bieb darba fix-xahar.

Apparti hekk il-Kunsill jiġbor ukoll tappijiet tal-flixken tal-plastik, batteriji użati u bozoz maqtugħin, dejjem bil-ħsieb li nżommu l-ambjent ta' madwarna fl-aħjar mod possibbli filwaqt li tingħata għajnuna lil dawk fil-bżonn. It-tappijiet tal-plastik jinġabru minn GreenPak fil-kampanja 'Nirriċikla għall-Istrina' fejn tingħata donazzjoni għall-Istrina.

Waħda mill-akbar spejjeż li għandu l-Kunsill hija ż-żamma ta' l-indafa fil-lokalita'. Din tlaħħaq għal eluf ta' Ewro. Matul l-2018 il-Kunsill kellu jaqleb fuq servizz ta' emerġenza wara li l-kuntrattur tal-ġbir ta' skart domestiku (tal-borża s-sewda) u organiku (tal-borża l-bajda), ma kompliex jonora l-kuntratt li kellu mal-Kunsill. F'Diċembru, 2018 il-Kunsill ħareġ offerti ġodda għal dan il-kuntratt, liema *tender* tagħlaq f'Jannar 2019.

Għalkemm il-Kunsill qed jagħmel l-almu tiegħu biex il-lokalità ta' Ħal Kirkop tkun fost l-aktar lokalitajiet nodfa fil-pajjiż, xorta waħda għad hemm nies irresponsabbli li jħammġu bla skruplu. Dawn jinkludu –

- ħruġ ta' skart meta mhux suppost;
- ħruġ ta' skart wara li jgħaddi l-kollettur; u
- wħud li joħorġu bil-klieb tagħhom u ma jiġbrux il-ħmieġ li jħalli.

Il-Kunsill qed jagħmel minn kollox biex dawk 'il ftit li għadhom iħammġu, jinqabdu, biex ikun żgurat li r-raħal tagħna jibqa' wieħed mill-aktar irħula nodfa f'Malta. Apparti hekk, kull sena il-Kunsill iwaħħal *dog litter bins* ġodda. Dan sabiex ikompli jgħin biex il-lokalità tinżamm fl-aħjar stat ta' ndafa possibbli.

Fil-bidu tas-sena 2018 saret il-kumplament tal-bankina biswit l-*open gym*, eżatt quddiem il-każin tal-futbol fi Triq Ġnien Rousset, liema bankina kienet tinsab fi stat ħażin ħafna. Ġew irranġati l-konki tas-siġar, liema siġar sarilhom ukoll dawl dekorattiv. Twaħħlu bins ġodda u saru wkoll bankijiet ġodda biex issa din il-bankina ingħatat dehra sabiħa u li tixraq u tikkumplimenta lill-ambjent tal-akwata.

F'Marzu, 2018 il-Kunsill flimkien mal-Iskola Primarja ħa sehem fil-World Down Syndrome Day fejn il-ħaddiema libsu kalzetti kkuluriti biex tinħoloq kuxjenza u jkun hemm aktar għarfien dwar din il-kundizzjoni. Għal din l-okkażżjoni il-Kunsilliera u l-ħaddiema tal-Kunsill taw fondi b'risq l-ALS Foundation.

Matul Awwissu, 2018 il-Bank of Valletta plc installat ATM f'Ħal Kirkop. Dan wara li għal diversi snin kienu għaddejin diskussjonijiet biex bank lokali jinstalla ATM fil-qalba tar-raħal. Infatti, din il-magna ġiet installata f'parti mill-binja tal-Kunsill biex ir-residenti jkunu moqdija tajjeb.

F'Awwissu 2018, l-Onor. Julia Farrugia għamlet donazzjoni ta' librerija miftuħa *(open library)* lill-kommunità Koppija. Din l-*open library* tpoġġiet quddiem il-binja tal-Kunsill u toffri kotba għal kull età. Kull min ikun interessat jista' jieħu ktieb minn din il-librerija miftuħa u jpoġġi ktieb ieħor minfloku. Hekk ir-residenti jkunu jistgħu jaqraw kotba differenti u jpoġġu kotba tajbin biex jintużaw minn ħaddieħor. Jidher li din il-librerija miftuħa intlaqgħet tajjeb ferm mir-residenti u qegħda tintuża ħafna.

Wara ħafna taħbit u insistenza mill-Kunsill mal-awtoritajiet, ix-xogħol fuq il-Klinika ta' Ħal Kirkop tlesta u din fetħet il-bibien tagħha nhar l-14 ta' Settembru, 2018. Issa r-residenti Koppin jistgħu jagħmlu użu mis-servizzi tal-Kura Primarja fir-raħal tagħhom stess mit-Tnejn sal-Ħadd mis-7am sat-8pm.

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop minn dejjem kellu għal qalbu l-isport u kien għalhekk li lura fl-2013 ressaq proposta quddiem il-kumpanija Multigas biex isir *open gym,* fi Triq Taż-Żebbiegħ, biex ir-residenti jkollhom post fejn jipprattikaw l-isport b'mod liberu. Il-Kunsill elett fl-2015 kompla jaħdem fuq din il-proposta u fit-13 ta' Novembru, 2018 dan l-*open gym* ġie inawgurat mill-Prim Ministru ta' Malta Joseph Muscat.

Il-post magħżul għal dan l-*open gym* kien propju biswit il-grawnd tal-football ta' Ħal Kirkop u fil-viċinanza tal-Kumpless Sportiv. Dan jawgura tajjeb għall-fatt li din hija *area* frekwentata minn ħafna nies, speċjalment ġenituri li jwasslu lill-uliedhom għat-*training*. Żgur li ser jattira lil dawn in-nies li minflok joqgħodu jistennew bilqiegħda fil-karozzi, jużaw dan il-ħin biex jagħmlu ftit eżerċizzju. Il-Kunsill żamm f'moħħu wkoll li parti minn dan l-apparat ikun tajjeb għall-persuni b'diżabilita' għax jemmen bi sħiħ fl-inklużjoni soċjali.

Il-Kunsill Lokali ħadem id f'id mal-kumpanija Multigas fit-twettieq ta' dan l-*open gym,* fejn ingħata wkoll ċans lill-Artist bravu Clint Grech li ħadem fuq mudell biex issir il-lapida tal-*open gym*. Din il-lapida, tissimbolizza sett *dumbbells* u saret kollha minn materjal riċiklat fejn intużaw ċilindri tal-ossiġnu, provduti minn Multigas, u *tyres* tal-karozzi. Dawn intużaw minflok marru għall-is*crap*.

Apparti din il-lapida, l-Artist iddisinja wkoll il-bankijiet li twaħħlu f'dan l-*open gym*, liema bankijiet ukoll saru minn *tyres*. Prosit kbira lil dan l-artist li jaħdem mill-qalb, b'mod volontarju fuq proġetti li jgħinu biex isebbħu lil-lokalità ta' Ħal Kirkop. Ta' min isemmi wkoll li x-xogħol manwali f'dan l-*open gym* sar mis-Sindku u l-Kunsilliera, Segretarju Eżekuttiv, u staff tal-Kunsill b'koordinament mill-Artist Clint Grech.

Matul Novembru 2018, il-Kunsill ta' Ħal Kirkop ta sehmu fil-kampanja *European Week for Waste Reduction*. Dan billi ta premjijiet f'kotba lit-tfal tal-Iskola Primarja ta' Ħal Kirkop li ħadu sehem f'kompetizzjoni ta' ġbir ta' laned. Dan biex nippromwovu l-importanza tar-riċiklaġġ fost il-ġenerazzjoni żgħira.

Il-Kunsill ilu ħafna għaddej bix-xogħol fuq il-bini tal-latrina f'Misraħ iż-Żerniq. Għalkemm fil-bidu tas-sena ingħata t-*tender* biex ikun jista' jibda x-xogħol, il-kuntrattur magħżul beda bit-tħaffir u ma onorax il-kuntratt, tant li waqaf u ħalla kollox nofs leħja. Il-Kunsill tħabat mhux ftit biex sab kuntrattur ieħor u dan kompla fuq li ħalla ta' qablu. Għal xi raġuni kien hemm xi problemi u x-xogħol reġa' waqaf. Minn l-aħħar diskussjonijiet jidher li l-kuntrattur ser ikompli u jekk kollox jibqa' miexi kif maħsub, il-Kunsill qed jistenna li l-bini jkun lest sa l-aħħar ta' Jannar 2019. Meta l-bini jkun lest il-Kunsill ikun jista' jimxi għall-pass li jmiss, jiġifieri dak li jsir ix-xogħol fuq it-tlestija ta' din il-latrina.

Il-Kunsill għadu għaddej b'diskussjonijiet mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma rigward il-problema tad-drenaġġ fi Triq Valletta u Triq ir-Ramlija, liema problema ilha tolqot lil Ħal Kirkop għal snin twal. Wara pressjoni kbira mill-Kunsill, il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma qed taħdem fuq pjanijiet biex isir xogħol biex tiġi solvuta din il-problema darba għal dejjem. Jidher li x-xogħol fuq dawn il-pjanijiet miexi u l-Kunsill jistenna li x-xogħol jibda fit-tieni kwart tas-sena 2018.

Wara ħafna laqgħat u diskussjonijiet ma' ministeri u dipartimenti, dwar Sqaq ir-Ramlija, Infrastracture Malta ħadet ħsieb tibda dan ix-xogħol, liema xogħol jinsab għaddej bħalissa.

Il-Kunsill kontinwament jinvesti f'kotba fil-librerija tal-iskola billi jixtri kotba ġodda għall-użu ta' dawk kollha li għandhom għal qalbhom il-qari.

Bħas-snin l-imgħoddija, l-Kunsill ma naqasx li jieħu ħsieb l-element edukattiv billi kompla jorganizza korsijiet dwar dekorazzjoni ta' kejkijiet li ntlaqgħu tajjeb ħafna minn dawk li qed jattendu. Il-Kunsill fil-ħsieb li jerġa' jibda dawn il-korsijiet matul is-sena 2019.

Apparti hekk matul is-sena 2018 il-Kunsill flimkien mas-sezzjoni tal-Life Long Learning fid-Dipartiment tal-Edukazzjoni beda sensiela ta' korsijiet fl-Ingliż u l-Matematika, liema korsijiet qed isiru wkoll fis-Sala tal-Kunsill.

F'Diċembru 2018, għat-tielet sena konsekuttiva, il-President ta' Malta għoġobha tagħżel il-lokalita' ta' Ħal Kirkop biex mill-Kumpless Sportiv tiġi trasmessa L-Istrina, appuntament nazzjonali, l-għada tal-Milied, fejn jinġabru fondi b'risq il-*Community Chest Fund*.

Kif wieħed jista' jaħseb, hemm ħafna aktar xogħol li daħal fir-rutina tal-Kunsill u diffiċli li jissemma kollox f'dan ir-rapport qsajjar.

## Komunikazzjoni mar-residenti

Matul is-sena inżammet ukoll il-laqgħa annwali tal-lokalita' li għaliha setgħu jattendu dawk kollha li isimhom jidher fuq ir-Reġistru Elettorali. F'din il-laqgħa il-Kunsill jilqa' l-kummenti u s-suġġerimenti ta' dawk preżenti.

Apparti l-laqgħa annwali l-Kunsill organizza wkoll laqgħa mar-residenti ta' Triq San Ġużepp fejn ġiet diskussa l-proposta li din it-triq issir *one way*. Il-maġġoranza tar-residenti raw li din il-proposta kienet waħda tajba, u għaldaqstant il-proposta għaddiet għand Transport Malta. Il-Kunsill qed jistenna l-approvazzjoni minn naħa ta' Transport Malta.

Il-Kunsill ser ikun qed jagħmel laqgħat bħal dawn meta jkun ser jimplimenta jew jagħmel pjanijiet fuq ristrutturar ta' partijiet mir-raħal. Kull meta l-Kunsill iħoss il-bżonn li jaqsam informazzjoni mar-residenti, dan isir billi jitqassmu ittri fid-djar u apparti hekk jagħti l-informazzjoni fin-*notice boards* li għandu mdawrin mar-raħal.

Il-Kunsill għandu wkoll paġna uffiċċjali fuq il-mezz elettroniku tant popolari, Facebook, bl-isem Ħal Kirkop Local Council, fejn wieħed jista' jara *updates* regolari dwar attivitajiet, servizzi, korsijiet, ritratti u informazzjoni oħra ta' interess kemm lokali u kif ukoll ġenerali.

Is-servizzi normali jingħataw mill-Uffiċċju tal-Kunsill, 31, Triq San Benedittu, mit-Tnejn sal-Ġimgħa matul il-ġurnata u nhar ta' Sibt filgħodu. Matul il-ġimgħa il-Kunsill qed ikun magħluq mis-1.00pm sas-1.30pm għall-ħin tal-*break* tal-ħaddiema.

## Attivitajiet matul is-sena

Għat-tmien sena, nhar l-20 ta' Mejju, 2018 il-Kunsill organizza l-Irkottafest 2018. Attività kulturali li ġġedded il-memorji tal-passat ta' raħal żgħir fin-nofsinar ta' Malta, Ħal Kirkop. Ħal Kirkop huwa raħal magħruf sew għal produzzjoni tal-irkotta u għaldaqstant jaħdem bis-sħiħ biex din l-attività iżżomm ħaj il-mod tradizzjonali li bih issir l-irkotta u li kienet is-sors tal-għajxien ta' missirijietna.

Għalkemm filgħodu, mingħajr mistenni għamlet ħafna xita u l-Kunsill kien f'dilemma jekk jikkanċellax din l-attività, l-Irkottafest 2018 kienet success kbir bħal fi snin l-imgħoddija. It-temp fetaħ u għaldaqstant l-attività tkompliet kif mistenni. Kienu bosta dawk li attendew għal din l-attivita' li kienet mifruxa fuq ġurnata sħiħa, b'attivitajiet differenti għall-gosti ta' kulħadd.

Ta' min isemmi li din is-sena l-Kunsill iħossu onorat ferm li din l-attività kisbet l-unur tal-emblema uffiċjali tas-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali 2018, liema emblema daħħlet din l-attività fil-portal tal-*EYCH Malta Website* u kif ukoll tal-*EYCH Europe*.

Apparti hekk, bħala parti mill-attivitajiet tal-Irkottafest 2018, nhar il-Ġimgħa, 18 ta' Mejju, il-Kunsill fetaħ uffiċjalment Esebizzjoni tal-Arti li kienet imtella' fl-Uffiċċju u fis-Sala tal-Kunsill, mill-Artist Lokali Clint Grech. Din l-esebizzjoni bit-titlu MEN *(Maltese Emotional Natural)* kienet tinkludi tlett temi differenti bi stil komuni. Stil li jinkludi kuluri vibranti, teknika varjata u taħlita ta' astratt u realiżmu. Din il-wirja kienet miftuħa għall-pubbliku nhar is-Sibt, 19 ta' Mejju, 2018 mit-8.00 ta' filgħodu sa nofsinhar u mill-5.00 sat-8.00 ta' filgħaxija. Il-wirja kienet miftuħa wkoll matul l-attività Irkottafest jiġifieri l-Ħadd, 20 ta' Mejju, mill-10.00 ta' filgħodu sat-8.00 ta' filgħaxija. Din l-esebizzjoni, li għaliha attendew bosta personalitajiet magħrufa, kompliet tikkonferma li Ħal Kirkop, għalkemm żgħir, fih talent kbir.

F'Ġunju 2018 il-Kunsill organizza ġita għal Sqallija. Dawk li attendew setgħu jaraw il-produzzjoni ta' ħelu tipiku Sqalli, il-produzzjoni ta' ġobon differenti u anke l-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa. Din kienet ukoll attività suċċess u dawk li attendew ħarġu ferm sodisfatti.

Matul Awwissu 2018, delegazzjoni mill-Kunsill marret fil-villaġġ ta' Rousset fi Franza fejn ġie mġedded l-iffirmar tal-ġemellaġġ mal-Commune de Rousset. Dan il-ġemellaġġ iservi biex iż-żewġ irħula jaħdmu qrib xulxin fuq diversi aspetti li jolqtu l-interess komuni bħall-kultura, sport, ambjent, ekonomija u affarijiet oħra.

F'Ottubru 2018 il-Kunsill ħa sehem fil-kampanja Pink October fejn inxtegħlet il-faċċata tal-Kunsill bil-kulur roża u l-istaff libes kulur roża biex inġabru donazzjonijiet għal din il-kampanja favur aktar għarfien dwar il-marda tal-kanċer tas-sider.

L-20 ta' Novembru, 2018 kien il-Jum Dinji għat-Tfal, u għalhekk għall-ewwel darba l-Kunsill ħaseb biex jorganizza attività għat-tfal li jattendu l-Iskola Primarja ta' Ħal Kirkop. Bħala parti minn din l-attività it-tfal ġew mitluba jieħdu sehem f'kompetizzjoni tat-tpinġija u xogħol tal-idejn, bit-tema tkun 'It-Tfal'. Din il-kompetizzjoni kienet maqsuma f'kategoriji u dawk rebbieħa ingħataw vouchers li jinxtraw f'kotba. Kull min ħa sehem ingħata ċertifikat ta' tifkira. Waqt din l-attività it-tfal kollha ingħataw *packed lunch* li kien imħejji mill-Kunsilliera u l-istaff tal-Kunsill. Il-kumpanija Multigas u Ta' Nardu Green Grocer sponsorjaw parti minn dawn il-*packed lunches* flimkien mal-Kunsill.

F'Diċembru 2018 Ħal Kirkop ħa sehem ukoll fil-kampanja favur is-smiegħ, fejn fil-ġimgħa bejn l-10 u l-14 ta' Diċembru, fl-Uffiċċju tal-Kunsill kien hawn persuni apposta li kienu qed jagħmlu testijiet tas-smiegħ b'xejn għal dawk kollha interessati. Kienu bosta dawk ir-residenti li għamlu appuntament u attendew għal dawn it-testijiet.

Fl-10 ta' Diċembru, 2018 il-Kunsill laqa' wkoll f'Ħal Kirkop il-*mobile dental clinic*. Għaldaqstant il-Kunsill sejjaħ din il-ġurnata 'Jum Ħu Ħsieb Saħħtek'. Kull min kien interessat seta' jasal wasla sal-Kunsill u jagħmel check up ta' snienu b'xejn u kif kien hawn għamel test tas-smiegħ ukoll.

F'Diċembru 2018 il-Kunsill reġa' organizza l-festin tal-Milied li bħal kull sena kien suċċess kbir u kull minn attenda kien sodisfatt ferm.

## Pjanijiet għall-futur

Matul l-2018 il-Kunsill ser ikun qed jaħdem biex dak kollu mibdi fl-2018 jitkompla u jintemm.

Fost dawn wieħed isib programmi sportivi fl-*open gym* biex dan il-proġett li sar matul l-2018 jintuża fl-aħjar mod possibbli mill-kommunità Koppija u minn dawk kollha li għandhom għal qalbhom l-isport u s-saħħa fiżika. Wieħed isib ukoll il-bini tal-latrina pubblika fil-ġnien f'Misraħ iż-Żerniq, li ser tkun qed issir għall-ġid tar-residenti Koppin u ta' dawk li jżuru r-raħal ta' Ħal Kirkop.

Il-Kunsill ser ikun qed jaħdem ukoll fuq proġett għat-tisbiħ ta' Ġnien Rousset. L-Artist Clint Grech għamel disinn impekkabli għal dan il-ġnien u bħalissa l-Kunsill qiegħed fil-fażi li jitkellem mal-Perit biex jinħarġu l-istimi biex ikun jista' jsir pjan ħolistiku u finanzjarju għat-twettieq ta' dan il-proġett.

Il-Kunsill ser ikompli wkoll isegwi mill-qrib ix-xogħol fuq l-għoti ta' wiċċ ġdid lil Sqaq ir-Ramlija u x-xogħol fuq il-problema tad-drenaġġ fi Triq Valletta u Triq ir-Ramlija.

Apparti hekk il-Kunsill ser ikun qed jaħdem fuq ix-xogħol kollu ta' kuljum biex jara li l-lokalità ta' Ħal Kirkop tibqa' waħda mill-aqwa lokalitajiet fin-Nofsinhar ta' Malta.

Kif kulħadd jaf, fil-25 ta' Mejju, 2019 ser isiru l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali u għaldaqstant il-ħidma mibdija matul is-sena 2019 ser titkompla minn dawk li ser jiġu warajna.

Ma nistax nagħlaq u ma nsemmiex li fl-2018 Ġieħ Ħal Kirkop ingħata lis-Sur Tarcisio Cassar, persuna li ħadem bħala pulizija f'Ħal Kirkop u kien maħbub u fdat mir-residenti kollha.

Grazzi lil kulħadd.

*14 ta' Jannar, 2019*